MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 492/2007

**EUGENIO SIVE GINO TANTI**

**Vs**

**GILLIAN CASSAR**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta` Gunju, 2007 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lil attur is-somma ta` elf, mija u tnejn u tlettin lira u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,132.94), rapprezentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma` prezz ta` merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-konvenuta li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra nterpellatorja datata 28 ta` Mejju, 2007 u dawk ta` mandat ta` qbid kawtellatorju numru 1496/07 u tal-mandat ta` sekwestru kawtellatorju numru 1494/07 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

It-Tribunal innota illi fis-seduta tat-13 ta` Lulju, 2007 deheret il-konvenuta li kkonfermat li ma pprezentat l-ebda risposta formali in kontestazzjoni ghat-talba attrici u bil-gurament taghha fil-fatt ikkonfermat ukoll li l-ammont mitlub mill-attur fis-somma ta` elf, mija, u tnejn u tletin lira (Lm 1,132) kienu fil-fatt dovuta u fil-fatt kienet anka ffirmat skrittura f`dan is-sens u kienet intrabtet li thallas il-bilanc dovut minnha permezz ta` pagamenti mensili.

Bil-gurament taghha qalet ukoll illi hija kienet diga` halset is-somma ta` mija u wiehed liri u tmienja u tlettin centezmu (Lm 101.38).

It-Tribunal innota wkoll li fis-seduta ossija permezz ta` nota pprezentata fil-25 ta` Lulju, 2007, l-attur kien irriducja t-talba tieghu ghal ammont ta` elf u sebghin lira u sitt centezmu (Lm 1,070.06), bl-imghax dekorribbli mit-12 ta` Lulju, 2007 stante pagamenti akkont li ghamlet il-konvenuta.

It-Tribunal innota wkoll illi kienu saru xi pagamenti ulterjuri fil-mori ta` dawn il-proceduri nkluz dak ta` mitejn lira (Lm 200) illi thallsu in kontanti fis-seduta tal-15 ta` Ottubru, 2007.

Illi fil-fatt permezz ta` nota pprezentata fid-9 ta` Novembru, 2007, l-attur kien irriduca l-ammont mitlub minnu ghas-somma ta` tmien mija u tnejn u disghin lira u sittax il-centezmu (Lm 892.16).

Fis-seduta tad-9 ta` Novembru, 2007, l-attur talab illi l-kawza tmur ghas-sentenza.

Il-konvenuta ghalkemm imsejha diversi drabi baqghet ma deheretx.

In vista ta` dak kollu illi nghata hawn fuq bhala konsiderazzjonijiet ghal din il-kawza, it-Tribunal ma jara ebda raguni il-ghala din is-sentenza ma ghandhiex tinghata, tenut kont partikolarment ghal fatt ta` l-ammissjoni ta` l-istess konvenuta bil-gurament taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jghaddi biex jippronunzja s-sentenza u dana fis-sens illi qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jillikwida l-ammont dovut mill-konvenuta favur l-attur fl-ammont ta` tmien mija, tnejn u disghin lira u sittax il-centezmu (Lm 892.16) u kwindi jikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas dan l-ammont ta` tmien mija, tnejn u disghin lira u sittax il-centezmu (Lm 892.16), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------